MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 399/2001/1

**Avviz Nru 399/01 - DM**

**Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta estera AXA Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghha Foster Clark Products Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi**

**vs**

**Paul Lucy u Joseph Zammit f'ismu propju u esercenti l-kummerc taht l-isem Zammit Transport ta' x-Xandarett Burdnara, jew min minnhom**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghal hlas ta' somma komplessiva ta' Lm989.55 (disa' mija u disa' u tmenin lira u hamsa u hamsin centezmu) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata mill-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rappresentanti d-danni soffferti mill-atturi b'rizultat tal-incident tat-traffiku li sehh fl-10 ta' Mejju 2000 fi Triq Garibaldi, Marsa waqt illi l-konvenuti kienu qeghdin iwasslu merkanzija tas-socjeta Foster Clark Products Limited, fl-imhazen taghha, li ghalihom is-socjeta attrici gia hallset, minhabba li ma kkonsenjawx il-merkanzija fl-istat li giet lilhom ikkonsenjata u minhabba traskuraggni u nuqqas ta hila da parte tal-konvenuti jew min minnhom.

Bl-imghax legali mid-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Lucy fejn eccepixxa illi:-

1 Preliminarjament, l-esponent jirrileva li hu kien impjegat tas-socjeta Zammit Transport fiz-zmien li sehh l-incident mertu tal-kawza u ghaldaqstant m'ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta Foster Clark Products Limited u ghandhu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;
2 Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jichad fil-fatt u fid-dritt li l-incident tat-traffiku li sehh fl-10 ta' Mejju 2000 fi Triq Garibaldi, Marsa sehh minhabba traskuragni u nuqqas ta' hila da parti tieghu kif ser jigi spjegat ahjar matul il-mori tal-kawza;
3 Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mis-socjeta attrici kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Foster Clark Products Limited huwa eccessiv;
4 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Zammit fejn eccepixxa illi:-

1 It-talbiet tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident in kwistjoni sar unikament tort u htija tas-sewwieq tal-imsemmija vettura;
2 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit tal-konvenuti

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghal dak li jirrigwarda l-kawza tal-hsarat sofferti mill-kumpanija Foster Clark Products Limited, assigurati mall-atturi, jirrizulta li dawn gew ikkawzati meta l-merkanzija ta' l-assigurati li kienet qed tingar mid-ditta Zammit Transport (tal-konvenut Joseph Zammit) gewwa container, giet iddanneggjata ghaliex is-sewwieq tat-trukk li kien qed jigbed it-trailer bil-container, tilef il-kontroll tal-vettura li kien qed isuq, b'risultat illi l-container inqaleb u l-merkanzija sofriet id-danni.

Jirrizulta wkoll illi s-sewwieq tat-trukk li kien qed jigbed it-trailer bil-container, dak in-nhar tal-accident kien il-konvenut Paul Lucy.

Min-naha tieghu, Paul Lucy, is-sewwieq tat-trukk jikkontesta t-talbiet attrici fil-konfront tieghu billi jsosstni illi hu ma ghandhu ebda relazzjoni guridika mal-atturi ghaliex hu kien biss impjegat tal-konvenuti l-ohra Zammit Transport. Izda, billi l-atturi fl-avviz taghhom jallegaw responsabbilta' diretta tas-sewwieq tat-trukk ghal kawza tal-hsara minhabba sewqan imprudent tieghu personalment jew minhabba sewqan tieghu li mhux skond ir-regolamenti tat-traffiku, jezisti n-ness guridiku u ghalhekk il-Qorti tirrespingi l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Min-naha tieghu, il-konvenut Paul Lucy, mhux qed jallega illi l-incident awtomobilistiku gara minhabba xi difett fit-trukk, fit-trailer jew fil-container illi kienu qeghdin fil-pussess tieghu izda, fl-affidavit tieghu, ndika illi l-kawza ta' din il-kollizzjoni kienet purament dovuta ghal cirkostanzi relatati esklussivament mal-mod ta' sewqan tas-sewwieqa l-ohra involuti u jghati deskrizzjoni dettaljata ta' kif sehh l-incident awtomobilistiku li wassal biex jinqalab il-container' bil-merkanzija assigurat.

Infatti l-konvenut Paul Lucy, ma jallega ebda diffett fl-apparat illi kien fdat lilu izda jattribwixxi l-kawza diretta tal-kollizzjoni bejnu u vettura ohra  ghal fatt  illi l-vettura l-ohra ta' quddiemu waqfet f'daqqa u, billi t-trukk kien tqil u kien moghbi, ma setghax jieqaf mill-ewwel u habat mal-karrozza ta' quddiemu.  Dan hu anke ikkonfermat mix-xhud Emanuel Saliba prodott mill-istess konvenut.

Min-naha tal-konvenut Joseph Zammit, ma tirrizulta ebda responsabbilta peress illi fl-esekuzzjoni tal-inkarigu lilu moghti mill-proprjetarji tal-container u l-merkanzija, ma rrizulta ebda nuqqas tieghu jew tad-ditta tieghu.  Lanqas ma jirrizulta li s-sewwieq minnhu mghazul ma kellux il-kwalifiki biex jaqdi x-xoghol fdat lilhu.

Evidentement billi ma rrizulta ebda difett fit-trukk misjuq mill-konvenut Lucy, u jirrizulta illi meta l-vettura ta' quddiemu waqfet huwa ma kienx f'posizzjoni li jieqaf f'distanza utili, jirrizulta li Lucy ma kien qieghed izzomm distanza bizzejjed bejn it-trukk tieghu u l-vettura ta quddiemu biex huwa setgha jieqaf minghajr inkwiet.

Dan huwa sewqan imprudenti u jassumi grad ta imprudenza ikbar meta wiehed jikkunsidra il-kobor u toqol tal-apparat li kien qed isuq.  Ghalhekk jirrizulta illi Paul Lucy huwa responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni u jrid jaghmel ajjeb ghad-danni.

Ghal dak li jirrigwarda d-danni ssib illi  s-survey report, ir-ritratti w id-dokumenti l-ohra esibiti huma esawrienti biex jipprovaw illi effettivament id-danni komplessivi li sofrew

il-kumpanija Foster Clark Products Limited u illi finalment gew imhallsa mill-atturi Atlas Insurance Agency Limited bhala l-assiguraturi jammontaw ghas-somma komplessiva ta' Lm989.55 (disa' u disa' u tmenin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu) kif mitlub mill-atturi fl-avviz.

Ghalhekk tilqa t-talba attrici fil-konfront biss tal-konvenut Paul Lucy fil waqt li tichad l-istess talbiet fil-konfront tal-konvenut Joseph Zammit f'ismu proprju u esercenti l-kummerc taht l-isem Zammit Transport u tikkundanna lill-konvenut Paul Lucy sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm989.55 (disa' u disa' u tmenin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu) bl-imghax legali b'effett mill-4 ta' Mejju 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut Paul Lucy.

--------------------------------TMIEM--------------------------------